KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI SHARPSTON
ippreżentati fid-19 ta' Mejju 2011 [1]

1. Id-deċiżjonijiet dwar proġetti li x'aktarx ikollhom effetti fuq l-ambjent jistgħu jittieħdu permezz ta' proċedura amministrattiva, fejn il-parteċipazzjoni (diretta) tal-pubbliku tkun żgurata permezz ta' Evalwazzjoni tal-Effetti Ambjentali ("EEA") jew permezz ta' proċedura leġiżlattiva, fejn tkun żgurata l-parteċipazzjoni (indiretta) tal-pubbliku permezz tal-korp leġiżlattiv rappreżentattiv kompetenti.

2. F'dak il-kuntest, is-sensiela preżenti ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari, li saru mill-Conseil d'État (Kunsill tal-Istat) tal-Belġju, jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("UE") dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali, b'mod partikolari id-Direttiva 85/337/KEE [2] ("id-Direttiva EEA") kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE [3].

3. Id-Direttiva EEA ma tapplikax għal proġetti li d-dettalji tagħhom jiġu adottati permezz ta' att leġiżlattiv nazzjonali speċifiku. Fil-każijiet preżenti, deċiżjoni dwar il-proġett ittieħdet permezz ta' proċedura amministrattiva li mbagħad ġiet irratifikata b'digriet leġiżlattiv. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk tali żvolġiment ta' azzjoni jaqax fi ħdan l-iskop tad-Direttiva EEA.

Il-liġi internazzjonali

4. Fil-25 ta' Ġunju 1998, il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri u 19-il Stat ieħor iffirmaw il-Konvenzjoni dwar Aċċess għal Informazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, magħrufa bħala

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1. p. 248).

3 — Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

l-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001. Din ġiet irratifikata mill-Belġju fil-21 ta' Jannar 2003, u ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370 [4].

5. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jagħti definizzjoni ta' diversi kliem. B'mod partikolari, dan jeskludi mill-iskop tat-terminu "awtorità pubblika" kwalunkwe "korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva".

6. L-Artikolu 6 huwa intitolat "Parteċipazzjoni f'deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi". Dan jirrikjedi, essenzjalment, li jiġu adottati dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata informazzjoni u parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-ħin u b'mod effettiv, fl-istadji rilevanti kollha ta' kwalunkwe proċedura ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet speċifikament elenkati fl-Anness I jew attivitajiet oħra li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-ambjent. L-attivitajiet elenkati fl-Anness I jinkludu "Kostruzzjoni ta' linji għal traffiku ferrovjarju ta' distanza twila u ta' ajruporti b'runway ta' tul bażiku ta' 2 100 m jew iktar". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7. L-Artikolu 9 huwa intitolat "Aċċess għall-Ġustizzja". Dan jipprovdi kif ġej:

"1. Kull Parti għandha, fl-ambitu tal-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, tiżgura li kwalunkwe persuna li tikkunsidra li t-talba tagħha għal informazzjoni taħt l-Artikolu 4 ma ttiħditx inkunsiderazzjoni, ġiet irrifjutata b'mod żbaljat, kemm jekk parzjalment jew *in toto*, imwieġba b'mod inadegwat, jew bi kwalunkwe mod li ma huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, ikollha aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-liġi jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi.

Fiċ-ċirkustanzi fejn Parti tipprovdi għal tali reviżjoni minn qorti tal-liġi, din għandha tiżgura li tali persuna jkollha wkoll aċċess għal proċedura mħaffa stabbilita bil-liġi li tkun mingħajr ħlas jew mhux għolja għall-evalwazzjoni mill-ġdid minn awtorità pubblika jew reviżjoni minn korp indipendenti jew imparzjali għajr qorti tal-liġi.

Id-deċiżjonijiet finali skont il-paragrafu 1 għandhom jorbtu lill-awtorità pubblika li jkollha l-informazzjoni. Ir-raġunijiet għandhom jingħataw bil-miktub, minn tal-inqas meta l-aċċess għall-informazzjoni jiġi rrifjutat skont dan il-paragrafu.

2. Kull Parti għandha, fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, tiżgura li l-membri tal-pubbliku kkonċernati

4 — Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 164 M, 16.6.2006). It-test tal-Konvenzjoni Aarhus huwa riprodott f'paġni 4 *et seq* ta' dik il-ħarġa tal-Ġurnal Uffiċjali.

(a) li għandhom interess suffiċjenti

jew, sussidjarjament, (b) li jinvokaw ksur ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala rekwiżit,

ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-liġi u/jew xi korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi, li jikkontestaw il-legalità sostantiva u proċedurali ta' kwalunkwe deċiżjoni, att jew ommissjoni suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 u, fejn ikun hekk previst skont il-liġi nazzjonali u bla ħsara għal paragrafu 3 ta' hawn taħt, ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħra ta' din il-Konvenzjoni.

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u ksur ta' dritt għandu jkun stabbilit skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali u b'mod konsistenti mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għal ġustizzja fi ħdan l-iskop ta' din il-Konvenzjoni. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 2(5) għandu jitqies li huwa suffiċjenti għall-finijiet tas-subparagrafu (a) ta' dan l-artikolu. L-imsemmija organizzazzjonijiet għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jkunu suġġett ta' ksur għall-finijiet tas-subparagrafu (b) iktar 'il fuq.

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu 2 ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-reviżjoni ġudizzjarja, fil-każ fejn ikun hemm tali rekwiżit fil-liġi nazzjonali.

3. Barra dan u bla ħsara għal proċedura ta' reviżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 iktar 'il fuq, kull Parti għandha tiżgura li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun il-każ, stipulati fil-liġi nazzjonali tagħha, il-membri tal-pubbliku għandhom ikollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li jikkontestaw atti u omissjonijiet minn persuni privati u awtoritajiet pubbliċi li jiksru dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tagħha li jikkonċernaw l-ambjent.

4. Barra dan u bla ħsara għal paragrafu 1 iktar 'il fuq, il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 iktar 'il fuq għandhom jipprovdu rimedji xierqa u effettivi, inkluż inġunzjonijiet fejn ikun xieraq, u għandhom ikunu ġusti, ekwi, fil-ħin u l-prezz tagħhom ma għandux ikun tali li jipprekludihom. Deċiżjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jingħataw jew jiġu rreġistrati bil-miktub. Deċiżjonijiet tal-qrati, u kull fejn possibbli ta' korpi oħrajn, għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku.

5. Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu iktar effettivi, kull Parti għandha tiżgura li tingħata informazzjoni lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' reviżjoni amministrattiva u ġudizzjarja

u għandha tikkunsidra l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' assistenza xierqa sabiex jitneħħew jew jitnaqqsu ostakoli finanzjarji jew ostakoli oħra għall-aċċess għall-ġustizzja". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Id-dritt tal-UE

8. Qabel id-Deċiżjoni 2005/370, ġew adottati numru ta' miżuri leġiżlattivi sabiex jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus f'dik li kienet il-liġi Komunitarja, inklużi l-emendi li saru għad-Direttiva EEA bid-Direttiva 2003/35.

Id-Direttiva EEA

9. Id-Direttiva EEA hija maħsuba sabiex tarmonizza l-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent li probabbilment ikun hemm minħabba l-implementazzjoni ta' ċerti proġetti. Is-sitt premessa tal-preambolu tipprovdi li, "kunsens għal żvilupp għal proġetti pubbliċi u privati li aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq l-ambjent għandu jingħata biss wara li evalwazzjoni minn qabel tkun saret tal-effetti sinifikanti probabbli ambjentali ta' dawn il-proġetti; […] din l-istima għandha titmexxa fuq il-bażi tal-informazzjoni xierqa mogħtija mill-iżviluppatur, li tista' tkun kompletata mill-awtoritajiet u n-nies li jistgħu jkunu mħassba bil-proġett in kw[i]stjoni".

10. L-Artikolu 1(2) ta' din id-Direttiva jinkludi b'mod partikolari d-definizzjonijiet li ġejjin:

— "proġett": "jinkludi l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' istallazjonijiet jew skemi oħra, interventi oħra fil-madwar u pajsaġġ naturali inklużi dawk li jimplikaw l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali";

— "żviluppatur": "l-applikant għal awtorizzazzjoni għal proġett privat jew l-awtorità pubblika li tibda proġett";

— "kunsens għall-iżvilupp": "id-deċiżjoni tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li tagħti d-dritt lill-iżviluppatur biex jipproċedi bil-proġett";

— "il-pubbliku" "tfisser persuna jew iktar naturali jew ġuridika, u, skond il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom"; u

— "il-pubbliku kkonċernat": "il-pubbliku affettwat jew x'aktarx li jiġi affettwat bil-proċeduri dwar it-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent riferiti fl-Artikolu 2(2) […]" [5]..

11. L-Artikolu 1(5) jipprovdi: "Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, inkluż dak ta' forniment ta' informazzjoni, jinkisbu permezz ta' proċess leġiżlattiv".

12. Skont l-Artikolu 4(1), il-proġetti elenkati fl-Anness I tad-Direttiva EEA għandhom jiġu suġġetti għall-evalwazzjoni b'mod konformi mal-Artikoli 5 sa 10 tagħha [6]. Dawn il-proġetti jinkludu, fil-punt 7(a) tal-Anness I, il-"kostruzzjoni ta' linji għal traffiku ferrovjarju ta' distanza twila u ta' ajruporti ta' tul bażiku ta' runway ta' 2 100 m jew iktar" [7].

13. L-Artikoli 5 sa 10 sussegwentement jistipulaw numru ta' obbligi sostantivi rigward il-mod kif titmexxa EEA. B'mod partikolari: l-Artikolu 5 jispeċifika rekwiżiti li jikkonċernaw informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-iżviluppaturi; l-Artikolu 6 jistipula regoli li jiżguraw li l-awtoritajiet ambjentali u l-pubbliku jkunu infurmati kif xieraq u jingħataw opportunità xierqa sabiex jipparteċipaw, fi żmien xieraq u b'mod effettiv; l-Artikolu 7 jirrikjedi li Stati Membri oħra jkunu infurmati u kkonsultati fejn proġett x'aktarx ikollu effetti sinjifikanti fuq l-ambjent fit-territorju tagħhom; u l-Artikolu 8 jipprovdi: "Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 għandha tittieħed in konsiderazzjoni fil-proċedura għal kunsens ta' żvilupp".

14. L-Artikolu 10a li jikkorrispondi b'mod sostanzjali mal-Artikolu 9(2), (4) u (5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jipprovdi kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessat:

(a) ikollhom interess biżżejjed, jew alternattivament,

(b) li jżommu l-indebboliment [jinvokaw il-ksur] ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekundizzjoni,

5 — L-Artikolu 2(2) jawtorizza lill-Istati Membri jintegraw EEA fil-proċeduri eżistenti jew jistabbilixxu proċeduri ġodda.

6 — F'każijiet eċċezzjonali u taħt kundizzjonijiet iddefiniti b'mod strett, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan ir-rekwiżit skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva EEA. Fil-każijiet preżenti ma ġietx invokata din il-proċedura eċċezzjonali.

7 — Jidher li ma huwiex ikkontestat li l-proġetti li magħhom dawn il-każijiet huma kkonċernati jaqgħu fi ħdan l-iskop tal-Anness I.

ikollhom aċċess għal rivista [reviżjoni] quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

meta teżisti din il-ħtieġa taħt il-liġijiet nazzjonali.

Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, retta, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu rrikużati [kkontestati] d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.

Sabiex iżidu l-effettività tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jintgħamel tagħhif prattiku [informazzjoni prattika tkun] disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrativi u ġudizzjarji tar-rivista".

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment [il-ksur] ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri b'mod konsistenti mal-mira li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġijiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1.

15. Huwa ċar, b'mod partikolari, mill-premessi 6, 9, 11 u 12 fil-preambolu għad-Direttiva 2003/35, li introduċiet l-Artikolu 10a, li l-iskop ta' dik l-emenda u ta' emendi oħra kien li d-Direttiva EEA ssir konformi mal-Konvenzjoni Aarhus, u b'mod partikolari sabiex jiġu żgurati l-parteċipazzjoni xierqa tal-pubbliku fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dritt għal reviżjoni ġudizzjarja fl-istadji kollha ta' dawn il-proċeduri.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' rivista [reviżjoni] preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandhomx jaffettwaw l-ħtieġa tal-eżawriment tal-proċeduri ta' rivista [reviżjoni] amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċedura tar-reviżjoni ġudizzjarja,

Il-fatti, il-proċeduri u d-domandi magħmula

16. Il-Conseil d'État huwa l-ogħla qorti amministrattiva fil-Belġju, b'kompetenza li jiddeċiedi dwar il-validità ta' miżuri

amministrattivi, iżda mhux leġiżlattivi. Id-domandi magħmula mill-qorti joriġinaw minn sitt kawżi, li jikkontestaw sensiela ta' permessi amministrattivi tal-ippjanar mogħtija bejn Settembru 2003 u Settembru 2006, li jikkonċernaw proġetti dwar l-iżvilupp ta' ajruporti fil-Belġju.

17. Fl-għoti tal-permessi, l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti segwew sensiela ta' stadji proċedurali. Dawn l-istadji kienu jinkludu, b'mod ġenerali: (i) applikazzjoni inizjali minn ġestjonarju tal-proġett; (ii) perijodu ta' evalwazzjoni; (iii) perijodu ta' konsultazzjoni mmexxija mill-muniċipalità; (iv) il-ħruġ ta' numru ta' opinjonijiet; u (v) l-għoti tal-permess.

18. Ir-rikorrenti f'kull kawża huma residenti jew assoċjazzjonijiet lokali li ressqu l-kawżi tagħhom bejn Jannar 2004 u April 2006.

19. Fis-17 ta' Lulju 2008, il-Parlament tar-Reġjun tal-Wallonie ("il-Parlament ta' Wallonie") adotta d-Décret Wallon relatif à quelques permis pour lesquels il existe des motifs impérieux d'intérêt general - id-Digriet ta' Wallonie dwar ċerti permessi li għalihom hemm raġunijiet superjuri ta' interess ġenerali (id-"Digriet tas-17 ta' Lulju 2008").

20. Id-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 jinkludi tliet settijiet ta' dispożizzjonijiet. L-ewwel nett, fl-Artikolu 1, dan jelenka numru ta' xogħlijiet li jikkonċernaw l-ajruporti ta' Liège-Bierset u ta' Charleroi-Bruxelles Sud u ta' ċerti konnessjonijiet tat-trasport oħra, li għalihom ġew stabbiliti "raġunijiet superjuri fl-interess pubbliku". Sussegwentement, fl-Artikoli 2 sa 4, id-Digriet jipprovdi proċeduri li skonthom, għall-proġetti li jaqgħu f'dik il-lista, il-permess għall-iżvilupp għandu jingħata mill-Gvern ta' Wallonie skont il-liġijiet tal-ippjanar applikabbli u rratifikati mill-Parlament ta' Wallonie. Fl-aħħar nett, fl-Artikoli 5 sa 17, id-Digriet jirratifika numru ta' permessi li kienu diġà maħruġa; fosthom, l-Artikoli 6, 7, 9 u 14 huma rilevanti għall-proċeduri preżenti.

21. L-Artikolu 6 tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 jipprovdi kif ġej:

"Il-permess li ġej, li fir-rigward tiegħu ġie kkonstatat li kien hemm raġunijiet superjuri fl-interess ġenerali, qiegħed b'hekk jiġi rratifikat:

— fir-rigward tal-atti u xogħlijiet ta' żvilupp li jikkonċernaw l-infrastruttura u binjiet ta' akkoljenza f'ajruporti reġjonali, id-Digriet Ministerjali tat-13 ta' Settembru 2006 li jawtorizza l-permess tal-ippjanar…għall-estensjoni tar-runway tal-ajruport ta' Liège-Bierset" [8].

8 — Dan huwa s-suġġett tal-Kawżi C-128/09 u C-129/09.

22. L-istess formulazzjoni tidher, *mutatis mutandis*, (b'mod partikolari):

— fl-Artikolu 7 (permess tal-ippjanar sabiex tissaqqaf ix-xmajra Tintia u jinbidel ir-rinforz tal-art fil-parti tal-grigal taż-żona tal-ajruport ta' Charleroi [9]);

— fl-Artikolu 9 (permess ambjentali sabiex jiġi operat l-Ajruport ta' Charleroi-Bruxelles Sud [10]); u

— fl-Artikolu 14 (permess globali għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tat-tielet u r-raba' binarji fuq il-linja ferrovjarja bejn Brussell u Charleroi [11]).

23. Fil-kors tal-proċedimenti quddiem il-Conseil d'État, il-konvenut irrileva li d-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008, bħala miżura leġiżlattiva li ssostitwixxiet il-permessi amministrattivi u li setgħet biss tiġi kkontestata quddiem il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali), kien ċaħħad jew lill-Conseil d'État mill-ġurisdizzjoni tiegħu jew lir-rikorrenti mill-interess tagħħom li l-permessi amministrattivi jiġu annullati. Ir-rikorrenti sostnew li l-adozzjoni tad-digriet la kien kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u lanqas mad-Direttiva EEA, u ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni.

24. Fil-frattemp, kienu tressqu kawżi oħra quddiem il-Cour constitutionnelle (li f'ċerti każijiet tressqu mir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Conseil d'État) fejn kienet ikkontestata l-validità tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 innifsu.

25. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État issospenda l-proċeduri quddiemu u għamel domandi għal deċiżjoni preliminari kemm quddiem il-Cour constitutionnelle kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

26. Id-domandi tiegħu lill-Cour constitutionnelle kienu intiżi, fil-qosor, sabiex jivverifikaw jekk il-Parlament ta' Wallonie kellux dritt (a) jirratifika l-permessi amministrattivi mingħajr ma jeżamina l-applikazzjonijiet fil-mertu jew ir-regolarità tal-proċedura u (b), huwa u jagħmel dan, li jeskludi stħarriġ ġudizzjarju komplet ta' dawk il-permessi mill-Conseil d'État anki meta tali stħarriġ intalab qabel ma ġie adottatat id-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008.

27. Id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja huma s-segwenti:

"A. L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, jista' jiġi interpretat bħala li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu leġiżlazzjoni — bħad-digriet tar-Reġjun tal-Vallonja tas-17 ta' Lulju 2008 dwar ċerti permessi li għalihom jeżistu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — li tillimita ruħha

9 — Dan huwa s-suġġett tal-Kawża C-134/09.

10 — Dan huwa s-suġġett tal-Kawża C-135/09.

11 — Dan huwa s-suġġett tal-Kawżi C-130/09 u C-131/09.

sabiex tipprovdi li 'hemm raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali' għall-għoti ta' permessi ta' żvilupp urban, permessi ambjentali u permessi uniċi relattivi għall-atti u x-xogħlijiet elenkati fiha u li 'tapprova' permessi li għalihom huwa ddikjarat li 'hemm raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali'?

B.1. L-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8 u 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill Nru 97/11/KE u d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill jipprekludu sistema legali fejn id-dritt li jsir proġett soġġett għal stima tal-effetti fuq l-ambjent jingħata permezz ta' att leġiżlattiv li kontrih ma jista' jsir l-ebda appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi li jippermetti li tiġi kkontestata, kemm fuq il-livell sostantiv kif ukoll fuq dak proċedurali, id-deċiżjoni li tagħti d-dritt għall-implementazzjoni tal-proġett?

B.2. L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata mill-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, għandu jiġi interpretat li jimponi fuq l-Istati Membri li jipprovdu għall-possibbiltà ta' appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex tkun tista' tiġi kkontestata l-legalità, fir-rigward ta' kull kwistjoni sostantiva jew proċedurali relatata mar-regoli sostantivi kif ukoll proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjoni ta' proġetti suġġetti għal stima tal-effetti fuq l-ambjent, tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew ommissjonijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6?

B.3. Fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata mill-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiġi interpretat bħala li jimponi fuq l-Istati Membri li jipprovdu għall-possibbiltà ta' appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex tkun tista' tiġi kkontestata l-legalità tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew ommissjonijiet fir-rigward ta' kull kwistjoni sostantiva jew proċedurali relatata mar-regoli sostantivi kif ukoll proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjoni tal-proġetti suġġetti għal stima tal-effetti fuq l-ambjent?" [12].

28. Fl-aħħarnett, il-Conseil d'État ddeċieda li, ladarba jkun irċieva risposti għad-domandi tiegħu kemm mill-Cour constitutionnelle kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja, kien ser jitfassal rapport supplimentari, li fir-rigward

12 — Domandi identiċi ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja fi tliet rinviji oħra f'kawżi li jikkonċernaw l-Artikoli 15, 16 u 17 tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008, li ġew magħqudin mill-Qorti tal-Ġustizzja u sospiżi sakemm tingħata sentenza fil-proċeduri preżenti (Kawżi magħquda C-177/09, C-178/09 u C-179/09, Poumon Vert de la Hulpe *et*; ĠU 2009 C 180 p. 30-32).

tiegħu, il-partijiet ikunu mistiedna jagħmlu sottomissjonijiet finali.

Ammissibbiltà

29. Min-naħa tagħha, il-Cour constitutionnelle ikkunsidrat il-kawżi mressqa quddiemha flimkien mad-domandi magħmula mill-Conseil d'État, u min-naħa tagħha wkoll għamlet numru ta' domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Aarhus u d-Direttiva EEA [13]. Peress li dak ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie rċevut ftit aktar minn sena wara dawk li saru fil-proċeduri preżenti, u peress li s-suġġett tad-domandi huwa parżjalment l-istess, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tipproċedi l-ewwel bir-rinviji preżenti għal deċiżjoni preliminari.

31. Il-Gvern Belġjan jeċċepixxi l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari. L-ewwel, dan jargumenta li (i) l-elementi fattwali u legali stabbiliti fid-digrieti tar-rinviju ma humiex biżżejjed biex iqiegħdu lill-partijiet li jixtiequ jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom li jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu dan u (ii) il-Conseil d'État jonqos milli jispjega għalfejn hija meħtieġa interpretazzjoni tal-liġi tal-UE. It-tieni, abbażi tal-kriterji tas-sentenza CILFIT [14], dan jissottometti li (i) id-dispożizzjonijiet inkwistjoni huma ċari u ma jeħtiġux interpretazzjoni (ii) li d-domandi huma irrilevanti u (iii) li l-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet dwar id-domandi magħmula.

L-ewwel sottomissjoni dwar l-ammissibbiltà

30. F'dawn il-proċeduri, ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti fil-Kawżi C-128/09 sa C-131/09, mill-Gvernijiet tal-Belġju, tal-Greċja u tal-Italja, u mill-Kummissjoni. Ir-rikorrenti fil-Kawżi C-128/09 u C-130/09, wieħed mir-rikorrenti fil-Kawżi C-134/09 u C-135/09, il-Gvernijiet tal-Belġju u tal-Greċja, u l-Kummissjoni għamlu osservazzjonijiet orali waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2010.

Is-suffiċjenza tal-elementi fattwali u legali tad-digrieti

32. Il-Gvern Belġjan jissottometti li d-digrieti tar-rinviju ma jagħtux lill-partijiet ikkonċernati l-informazzjoni kollha

13 — Kawża C-182/10, Solvay *et* (ĠU 2010 C 179, p. 18).

14 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 1982, CILFIT (Kawża 283/81, Ġabra p. 3415).

meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet utli. Ma jagħtux deskrizzjoni sħiħa tas-sistema stabbilita bid-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008, li l-komprensjoni tiegħu hija neċessarja sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda; b'mod partikolari, dawn jonqsu milli jispeċifikaw li d-Direttiva EEA tapplika għall-proċeduri amministrattivi ta' qabel ir-ratifika leġiżlattiva. Lanqas ma jispjegaw ir-rwol u l-kompetenza tal-Cour constitutionnelle fir-rigward ta' dawk tal-Conseil d'État, li l-komprensjoni tagħhom hija neċessarja sabiex tingħata risposta għall-kumplament tad-domandi. Tabilħaqq, id-domandi huma fformulati b'tali mod li attwalment jistgħu jkunu qarrieqa mill-perspettiva ta' dawn iż-żewġ aspetti. Fl-aħħar nett, il-Conseil d'État sempliċement jindika l-pożizzjonijiet meħuda mir-rikorrenti fil-proċeduri quddiemu.

33. Huwa stabbilit sew li l-informazzjoni mogħtija fid-digrieti ta' rinviju għandha tkun tali li mhux biss tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli iżda wkoll għandha tagħti lill-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati l-oħra l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 20 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja [15]. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex ser tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni tagħhom mill-qorti tar-rinviju hijiex korretta; pjuttost, ser tieħu kont tal-kuntest fattwali u leġiżlattiv kif spjegat fl-ordni tar-rinviju [16]. L-argumenti tal-Gvern Belġjan għandhom jiġu evalwati b'kunsiderazzjoni għal dawn il-kunsiderazzjonijiet.

34. Fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawk l-argumenti, fil-fehma tiegħi huwa ċar mid-digrieti tar-rinviju li t-tħassib tal-Conseil d'État fir-rigward tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 huwa limitat għar-ratifika tal-permessi amministrattivi eżistenti, u għalhekk l-aspetti l-oħra tad-digriet ma għandhom ebda rilevanza partikolari. Lanqas kien meħtieġ li jiġi speċifikat li d-Direttiva EEA kienet tapplika għall-proċeduri amministrattivi, peress li dan isegwi mit-termini tad-direttiva nfisha.

35. Fir-rigward tat-tieni argument, huwa minnu li komprensjoni tar-rwoli u tal-kompetenzi relattivi tal-Conseil d'État u tal-Cour constitutionnelle hija ta' għajnuna sabiex wieħed japprezza l-kwistjonijiet proċedurali nazzjonali li wasslu għad-digrieti ta' rinviju. Madankollu, fil-fehma tiegħi, ma hijiex meħtieġa xi komprensjoni partikolarment profonda jew dettaljata u l-essenzjali — ċjoè, ir-riskju li l-Conseil d'État jista' jiċċaħħad mill-ġurisdizzjoni rigward kawżi li jkunu diġà pendenti quddiemu possibbilment b'sempliċi mossa formali min-naħa tal-Parlament

15 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld (C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 20).

16 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan, (C-467/08, Ġabra p. I-10055, punt 22).

ta' Wallonie — huma ċari mid-digrieti tar-rinviju [17].

36. Fil-fehma tiegħi, id-domandi lanqas ma huma fformulati b'tali mod li jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lil xi Stat Membru jiffukaw fuq il-kwistjonijiet żbaljati, anki jekk il-Gvern Belġjan għandu raġun jgħid li dawn jissuġġerixxu stat tad-dritt Belġjan li huwa ma jaqbilx miegħu. Il-kwistjoni ċentrali taħt il-liġi tal-UE hija evidentement dik dwar l-effett, fuq id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja ggarantit bil-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva EEA, tar-ratifika b'mezzi leġiżlattivi ta' permessi maħruġa preċedentement permezz ta' proċedura amministrattiva. Żewġ Stati Membri ppreżentaw osservazzjonijiet dwar dik il-kwistjoni, mingħajr ma ġew ostakolati b'mod notevoli sa estent li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, kemm jekk b'nuqqas ta' informazzjoni fid-digrieti tar-rinviju jew bil-formulazzjoni tad-domandi [18].

37. Fl-aħħar nett, il-fatt li l-Conseil d'État jispjega l-argumenti tar-rikorrenti dwar diversi materji pjuttost milli jagħti l-fehmiet tiegħu, fl-opinjoni tiegħi bl-ebda mod ma jivvizzja d-digrieti ta' rinviju. Dawk l-argumenti jindikaw b'mod xieraq għalfejn jista' jkun meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar il-liġi tal-UE qabel ma l-Conseil d'État jiddeċiedi dwarhom.

Is-suffiċjenza tal-ispjegazzjoni dwar il-bżonn ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE

38. Meta jsostni li l-Conseil d'État ma spjegax biżżejjed il-bżonn ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE, il-Gvern Belġjan essenzjalment jibbaża ruħu fuq il-ġurisprudenza ta' din il-qorti stess, imsemmija fid-digrieti tar-rinviju. Fis-sentenza tagħha Nru 185.645 tal-11 ta' Awwissu 2008 (Deneye), il-Conseil d'État ddeċieda li l-adozzjoni tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 ċaħħditu mill-ġurisdizzjoni tiegħu li jiddeċiedi dwar il-validità tal-miżuri ratifikati minn tali digriet; madankollu, jekk id-digriet (jew l-artikolu rilevanti tiegħu) kellu jiġi annullat mill-Cour constitutionnelle, din is-sentenza dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni setgħet tiġi rtirata permezz ta' rikors mill-partijiet. Fil-kawża preżenti, il-Gvern Belġjan jargumenta li l-Conseil d'État kellu jsegwi l-istess proċedura u jistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Cour constitutionnelle, b'mod partikolari peress li huwa stess kien irrinvija domandi lil din il-qorti dwar il-kwistjonijiet ġurisdizzjonali inkwistjoni. Għalhekk, id-domandi rrinvjati huma

17 — Jien nirrikonoxxi li komprensjoni tal-kuntest rilevanti seta' kien kemmxejn imfixkel minn fattur differenti, mhux attribwibbli għad-digrieti tar-rinviju nfushom: it-traduzzjonijiet ta' dawk id-digrieti mibgħuta mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Istati Membri fil-lingwi tagħhom ħallew barra l-partijiet li jittrattaw ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari mill-Cour constitutionnelle. Madankollu, l-ommissjonijiet kienu indikati b'mod ċar bħala tali fit-traduzzjonijiet u lill-Istati Membri ntbagħtulhom ukoll kopji kompluti tal-oriġinali bil-Franċiż. Madankollu, anki mingħajr dawk is-siltiet, fil-fehma tiegħi d-digrieti ta' rinviju kienu jinkludu biżżejjed informazzjoni.

18 — Irid ikun rikonoxxut ukoll li l-Gvern Taljan iddeskriva l-ewwel domanda bħala li kienet "ifformulata b'mod enigmatiku" — madankollu kkunsidra ruħu li kien f'pożizzjoni li jippreżenta osservazzjonijiet.

ipotetiċi fl-istadju attwali. Il-Conseil d'État ma pprovda l-ebda spjegazzjoni għalfejn, f'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu bżonn deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE qabel ma l-Cour constitutionnelle tkun ħadet deċiżjoni.

39. Jien nista' naqbel li s-sitwazzjoni proċedurali quddiem il-qrati nazzjonali, kif iddeskrivejtha hawn fuq [19], hija kumplessa, u approċċ iktar ordnat kien ikun mixtieq, u x'aktarx kien ikun iktar konformi mar-regoli proċedurali nazzjonali. Jien nista' nirrkonoxxi wkoll li seta' jkun hemm gwadann fl-effiċjenza proċedurali globali li kieku, f'din il-qorti, ir-rinviju mill-Cour constitutionnelle ngħaqad, jew eżaminat flimkien, mal-kawżi fil-proċeduri preżenti. Madankollu, fil-fehma tiegħi xejn minn dan ma jidher li jaffettwa b'xi mod l-ammissibbiltà tad-domandi rrinvjati f'dawn il-proċeduri.

40. Huwa minnu li, fil-kuntest tal-koperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, qorti li tirrinvija domanda għal deċiżjoni preliminari għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għalfejn hija inċerta dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u tikkunsidra li huwa neċessarju li tirrinvija domanda bħal din [20]. Fil-fehma tiegħi, madankollu, ma għandhiex għalfejn tmur lil hinn milli tistabbilixxi dawk ir-raġunijiet b'mod komprensibbli. Lanqas ma għandha għalfejn tipprevjeni argumenti possibbli mill-partijiet jew Stati Membri dwar il-korrettezza tal-approċċ tagħha fid-dawl tal-dritt proċedurali nazzjonali.

41. Sakemm ikun hemm raġunijiet *prima facie* biex tintalab deċiżjoni preliminari, ma huwiex kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina dawn ir-raġunijiet u tidħol fil-kamp tad-dritt nazzjonali. Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [21]. Barra minn hekk, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, b'kunsiderazzjoni għall-allokazzjoni tal-funzjonijiet bejnha u bejn il-qrati nazzjonali, li għandha tevalwa jekk id-deċiżjoni li jsir ir-rinviju tkunx ittieħdet skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-qrati u l-proċedura tagħhom [22].

19 — Fil-punti 23 sa 29.

20 — Ara, pereżempju, id-digriet tat-2 ta' Marzu 1999, fil-kawża Colonia Versicherung *et*, (C-422/98, Ġabra p. I-1279, punt 6).

21 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Sbarigia, (C-393/08, Ġabra p. I-6337, punt 19).

22 — Ara, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, WWF *et*, (Kawża C-435/97, Ġabra p. I-5613, punt 33); u s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Asnef-Equifax et Administración del Estado, (Kawża C-238/05, Ġabra p. I-11125, punt 14).

42. Fil-kawża preżenti, ir-raġunijiet għalfejn intalbet deċiżjoni preliminari huma tassew ċari. Il-Conseil d'État għandu quddiemu kawżi li jikkontestaw permessi amministrattivi, li fir-rigward tagħhom huwa għandu ġurisdizzjoni li jiddeċiedi. Qabel ma jkun jista' jagħti sentenza, dan għandu bżonn ikun jaf jekk, taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Aarhus u tad-Direttiva EEA, il-fatt li dawk il-permessi kienu rratifikati b'miżura leġiżlattiva jċaħħduhx minn dik il-ġurisdizzjoni. Jista' jkun hemm dubji dwar jekk il-ġurisprudenza preċedenti tagħha f'ċirkustanzi bħal dawn, kinitx korretta. Fil-fehma tiegħi, kwistjoni bħal din, hija altru milli ipotetika. Għalhekk, il-Conseil d'État għandu dritt u, bħala qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt nazzjonali, huwa wkoll marbut jagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

It-tieni sottomissjoni dwar l-ammissibbiltà

Ir-rilevanza tad-domandi magħmula

43. Il-Gvern Belġjan jargumenta illi d-domandi ma humiex rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Conseil d'État.

44. Fir-rigward tad-domandi A u B.1, dan jissottometti illi d-digrieti tar-rinviju jippresupponu — b'mod żbaljat — li d-digriet ġie adottat mill-Parlament ta' Wallonie fi proċedura bi stadju wieħed mingħajr evalwazzjoni tal-effetti ambjentali jew garanziji oħra. Deċiżjoni fuq dik il-bażi tkun irrilevanti għas-sitwazzjoni reali, dik ta' proċedura b'żewġ stadji li għaliha tapplika d-Direttiva EEA.

45. Fil-fehma tiegħi, din l-oġġezzjoni hija pjuttost infondata. In-natura tal-proċedura b'żewġ stadji hija ċara mid-digrieti tar-rinviju, bħal ma huwa l-bżonn dwar jekk u, f'każ li jkun hekk, sa liema punt id-dritt tal-UE jista' jippermetti rikors għal annullament ta' permess amministrattiv, meta dan il-permess jiġi sussegwentement irratifikat b'mezzi leġiżlattivi.

46. Il-Gvern Belġjan isostni li d-domandi B.2 u B.3, huma irrilevanti peress li dawn ma jikkonċernawx id-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008, iżda r-regoli kostituzzjonali u ġurisdizzjonali li jallokaw il-kompetenza bejn il-Conseil d'État u l-Cour constitutionnelle. Barra minn hekk, fir-rigward tad-domanda B.3, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li hu iktar komplut mill-Artikolu 10a tad-Direttiva EEA, huwa applikabbli fil-Belġju, u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tirrendi lil din tal-aħħar iktar estensiva minn tal-ewwel.

47. Fil-fehma tiegħi, dawn l-oġġezzjonijiet huma fihom infushom irrilevanti. Evidentement il-Conseil d'État qiegħed jitlob li tingħata deċiżjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-Artikolu 10a tad-Direttiva EEA għassitwazzjoni proċedurali tal-kontestazzjonijiet li għandu quddiemu. Għalhekk id-domandi huma rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Conseil d'État.

Acte clair

48. Il-Gvern Belġjan jargumenta li t-testi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tad-Direttiva EEA huma ċari; u li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jirrikjedux l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk id-duttrina tal-acte clair kellha tipprekludi lill-Conseil d'État milli jagħmel rinviju.

49. Fil-fehma tiegħi, il-proċeduri preżenti wrew b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet ma humiex għal kollox ċari fl-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali. Madankollu, jekk humiex ċari jew le, ir-riferiment għad-duttrina tal-acte clair hija irrilevanti. Qorti nazzjonali tista' tinvoka dan il-prinċipju sabiex tiġġustifika r-rifjut tagħha li tagħmel rinviju, abbazi talfatt li r-risposta għal domanda partikolari hija diġà ċara biżżejjed [23]. Din ma tistax tiġi użata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala raġuni għalfejn tirrifjuta li tirrispondi domandi li jkunu ġew irrinvjati. Jekk qorti tal-aħħar istanza tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE ma humiex ċari, din mhux biss tkun awtorizzata iżda wkoll marbuta li tagħmel rinviju. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun marbuta tagħti deċiżjoni [24]. Madankollu, jekk ir-risposta ma tħalli ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha permezz ta' digriet immotivat ibbażat fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-proċeduri preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, kuntrarjament, li d-domandi rrinvjati jimmeritaw l-attenzjoni tal-Awla Manja.

Il-ġurisprudenza eżistenti

50. Il-Gvern Belġjan isostni li r-risposti għad-domandi A u B1 jistgħu jiġu dedotti mis-sentenza WWF *et* [25].

51. Madankollu, bħal fil-każ tar-riferiment għad-duttrina tal-acte clair, dan l-argument huwa irrilevanti għall-ammissibbiltà tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari. Għalkemm qorti nazzjonali - anki waħda li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati permezz ta' appell - tista' ma tkunx rikjesta li tirrinvija

23 — Sentenza CILFIT, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 16.

24 — Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' April 2007, Asemfo, (Kawża C-295/05, Ġabra p. I-2999, punt 30).

25 — Iċċitata fin-nota 22 iktar 'il fuq, punti 55 sa 63 tas-sentenza.

domanda li r-risposta għaliha tista' tkun dedotta mill-ġurisprudenza eżistenti, u lanqas ma hija eskluża milli tagħmel dan. F'tali każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-possibbiltà li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet immotivat ibbażat fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Kif irrilevajt, hija ddeċidiet, għall-kuntrarju, li d-domandi rrinvjati fil-proċeduri preżenti jimmeritaw l-attenzjoni tal-Awla Manja. Barra minn hekk, kif ser jidher ċar mill-evalwazzjoni tiegħi tad-domandi, jien inqis li r-risposti ma jistgħux jiġu dedotti mis-sentenza WWF *et*.

Il-konklużjoni dwar l-ammissibbiltà

52. Għaldaqstant jiena tal-fehma li ma hemm ebda ostakolu għall-ammissibbiltà tad-domandi magħmula mill-Conseil d'État.

Il-mertu

Id-domanda A

53. Skont l-Artikolu 1(5), id-Direttiva EEA ma għandhiex tapplika " għall-proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, inkluż dak ta' forniment ta' informazzjoni, jinkisbu permezz tal-proċess leġiżlattiv". Il-Conseil d'État jixtieq jikkjarifika t-tifsira ta' din id-dispożizzjoni f'sitwazzjoni fejn il-permess għall-iżvilupp ikun l-ewwel ingħata minn awtorità amministrattiva, u mbagħad ikun ġie rratifikat b'digriet tal-awtorità leġiżlattiva kompetenti li (sempliċement) tiddikjara li "jkunu ġew stabbiliti raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali".

54. Fl-ambitu ta' din id-domanda, hemm żewġ sub-domandi impliċiti. L-ewwel, jekk digriet ikun adottat mil-leġiżlatura, bħala miżura leġiżlattiva, dan ifisser, fih u minnu nnifsu, li dan awtomatikament jaqa' fi ħdan l-iskop tal-esklużjoni fl-Artikolu 1(5)? It-tieni, u bil-maqlub, qorti nazzjonali hija limitata li teżamina l-formulazzjoni użata f'miżura bħal din sabiex tistabbilixxi jekk tapplikax l-esklużjoni fl-Artikolu 1(5) jew tista' teżamina x'hemm wara t-test u kif żvolġa l-proċess leġiżlattiv innifsu?

Ir-*ratio* wara l-Artikolu 1(5)

55. Id-Direttiva EEA, kif emendata sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-Konvenzjoni ta' Aarhus, hija intiża li ttejjeb il-proċessi

tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entitajiet amministrattivi [26]. L-element ta' parteċipazzjoni pubblika li tintroduċi għall-proċess huwa importanti sabiex jintlaħaq dan il-għan. Fi kliem ieħor, id-Direttiva EEA tippromwovi l-parteċipazzjoni pubblika diretta fil-proċessi amministrattivi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent fi ħdan Stat Membru.

56. Madankollu, fejn tiġi adottata deċiżjoni permezz ta' proċess leġiżlattiv, diġà jkun hemm parteċipazzjoni pubblika. Il-leġiżlatura nnifisha hija komposta minn rappreżentanti tal-pubbliku li huma eletti b'mod demokratiku. Fejn il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet iseħħ fi ħdan entità bħal din, din tibbenefika minn parteċipazzjoni pubblika indiretta, li hija madankollu waħda rappreżentattiva.

57. B'dan f'moħħi, ser nissokkta billi neżamina l-Artikolu 1(5) f'iktar dettall.

Il-formulazzjoni tal-Artikolu 1(5)

58. L-Artikolu 1(5) jipprovdi: "Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att speċifiku ta' leġi[ż]lazzjoni nazzjonali, ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, inkluż dak ta' forniment ta' informazzjoni, jinkisbu permezz ta' proċess leġiżlattiv".

59. Il-qofol tal-kwistjoni hija l-ambigwità inkluża fir-rabta bejn l-esklużjoni ta' proġetti li d-dettalji tagħhom ikunu adottati b'att speċifiku tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kisba tal-għanijiet tad-direttiva permezz tal-proċess leġiżlattiv. Din l-ambigwità tagħti lok għall-possibbiltà ta' żewġ interpretazzjonijiet.

60. Skont l-ewwel interpretazzjoni, ikun hemm preżunzjoni li l-proċess leġiżlattiv jiżgura awtomatikament il-kisba tal-għanijiet tad-Direttiva EEA. Għalhekk, kull fejn id-dettalji ta' proġett ikunu ġew adottati permezz ta' att speċifiku tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, qorti nazzjonali għandha tqis li permezz ta' dan l-att ikunu ntlaħqu awtomatikament dawk l-għanijiet.

61. Skont it-tieni interpretazzjoni, id-dispożizzjoni għandha tinftiehem li tesprimi kundizzjoni minn qabel: id-Direttiva EEA ma tapplikax għal proġetti li d-dettalji tagħhom jiġu adottati b'att speċifiku tal-leġiżlazzjoni nazzjonali sakemm l-għanijiet tad-direttiva jintlaħqu permezz tal-proċess leġiżlattiv. Din l-interpretazzjoni tkun tfisser illi l-leġiżlatura tkun obbligata tilħaq l-għanijiet tad-Direttiva EEA (inkluża l-provvista ta' informazzjoni) fil-kors tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, qabel ma l-proġett ikun jista' jiġi eskluż

26 — Ara l-preamboli tad-Direttiva 2003/35 u l-Konvenzjoni ta' Aarhus infisha.

mill-applikazzjoni tad-direttiva permezz tal-Artikolu 1(5). Dan iwassal ukoll għall-kwistjoni dwar dak li għandu jitwettaq mil-leġiżlatura sabiex jiġi żgurat li dawk l-għanijiet jintlaħqu.

62. L-ebda waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet ma hija mingħajr żvantaġġi. L-ewwel waħda tista' testendi indebitament l-iskop tal-esklużjoni leġiżlattiva minn direttiva li jkollha l-għan tiżgura teħid ta' deċiżjonijiet aħjar f'materji ambjentali. Il-konsegwenza tista' tkun li, anki fejn proġett amministrattiv ikollu biss apparenza leġiżlattiva vaga, l-esklużjoni xorta waħda tapplika. It-tieni interpretazzjoni tista' tinvolvi livell ta' attiviżmu ġudizzjarju li jista' jwassal għal konfużjoni dwar id-doveri eżatti tal-leġiżlatura f'każijiet ambjentali. Fil-forma l-iktar estrema tagħha, din tista' tirrendi l-esklużjoni nfisha prattikament bla sens jekk tirrikjedi li l-leġiżlatura tissodisfa xorta waħda r-rekwiżiti proċedurali bħala awtorità amministrattiva.

Is-sentenzi WWF *et* u Linster

63. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha żewġ opportunitajiet tikkunsidra t-tifsira tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA.

64. F'WWF *et*[27], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 1(5) "jeżenta proġetti kkontemplati bid-Direttiva mill-proċedura ta' stima suġġett għal żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel waħda tirrikjedi d-dettalji tal-proġett li għandu jkun adottat b'att leġiżlattiv speċifiku; skont it-tieni waħda, l-għanijiet tad-Direttiva, inklużi dawk tal-provvista ta' informazzjoni, għandhom jintlaħqu permezz tal-proċess leġiżlattiv"[28].

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikkonstatat bi preċiżjoni, fir-rigward tal-ewwel kriterju, li "jekk ikun att leġiżlattiv, minflok deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti, li jagħti lill-iżviluppatur id-drittijiet li jwettaq proġett, l-att irid jispeċifika u juri l-istess karatteristiċi ta' permess tal-iżvilupp speċifikat fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva"[29]. Biex dan ikun il-każ, l-"*att irid jiddeskrivi l-proġett fid-dettall*, jiġifieri b'mod biżżejjed preċiż u definittiv sabiex ikun jinkludi bħal permess tal-iżvilupp, wara li jkunu kkunsidrati mil-leġiżlatura, *l-elementi kollha tal-proġett rilevanti għall-istima tal-effetti ambjentali*"[30].

66. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-kontenut tat-tieni kundizzjoni (li "l-għanijiet ta' din id-Direttiva, inkluż dak tal-provvista ta' informazzjoni, iridu jintlaħqu permezz tal-proċess leġiżlattiv") b'mod iktar indirett billi

27 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22.
28 — Ara l-punt 57 tas-sentenza.
29 — Punt 58 tas-sentenza.
30 — Punt 59, enfażi miżjuda.

qalet: "Huwa biss billi wieħed jikkonforma mar-[rekwiżiti speċifikati għall-ewwel kundizzjoni] li l-għanijiet imsemmija fit-tieni kundizzjoni […] jistgħu jintlaħqu permezz tal-proċess leġiżlattiv" (b'ħekk sa ċertu punt, ingħaqdu flimkien iż-żewġ kundizzjonijiet). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat bl-iktar mod ċar dak li *ma jkunx* aċċettabbli: "Jekk l-att leġiżlattiv speċifiku li permezz tiegħu jiġi adottat proġett partikolari, u għalhekk ikun awtorizzat, ma jinkludix *l-elementi tal-proġett speċifiku li jista' jkunu rilevanti għall-evalwazzjoni tal-impatt tiegħu fuq l-ambjent*, l-għanijiet tad-Direttiva jkunu ppreġudikati, *peress li proġett ikun jista' jingħata permess mingħajr stima minn qabel tal-effetti ambjentali tiegħu* anki jekk dawn jistgħu jkunu sinjifikanti" [31].

67. F'Linster [32], il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel ikkonfermat li "it-termini 'att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali' u 'proġett' użati fl-Artikolu 1(5) tad-Direttiva għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma" [33], u li "l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat b'kunsiderazzjoni għall-għanijiet tad-Direttiva u għall-fatt li, peress li din hi dispożizzjoni li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, trid tiġi interpretata b'mod strett" [34]. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad enfasizzat il-ġustifikazzjoni għall-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(5): "meta l-għanijiet tad-Direttiva, inkluż dak tal-provvista ta' informazzjoni, jintlaħqu permezz ta' proċess leġiżlattiv, id-Direttiva ma tapplikax għall-proġett inkwistjoni" [35] (jiġifieri, kif nifhimha jien, għax ma huwiex meħtieġ li d-direttiva tapplika f'ċirkustanzi bħal dawn).

68. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad spjegat (pjuttost b'mod iktar elaborat minn WWF *et*) ir-relazzjoni bejn l-għan fundamentali tad-Direttiva EEA u l-livell ta' informazzjoni li għandu jkollha l-leġiżlatura:

"Kif inhu evidenti mill-Artikolu 2(1) tagħha, l-għan fundamentali tad-direttiva huwa li l-proġetti li x'aktarx ikun ser ikollhom impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent minħabba, *inter alia,* in-natura, id-daqs u l-lokalizzazzjoni tagħhom jiġu suġġetti għal evalwazzjoni rigward l-effetti tagħhom, qabel ma jiġu awtorizzati.

Skont is-sitt premessa għall-preambolu għad-Direttiva din l-istima għandha titmexxa fuq il-bażi tal-informazzjoni xierqa mogħtija mill-iżviluppatur, li tista' tkun kompletata mill-awtoritajiet u min-nies li jistgħu jkunu kkonċernati mill-proġett inkwistjoni.

31 — Punt 60, enfasi miżjuda.

32 — Sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Linster (C 287/98, Ġabra p. I-6917).

33 — . Punt 44.

34 — Punt 49.

35 — Punt 51.

Għalhekk, huwa biss fejn il-leġiżlatura jkollha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni ekwivalenti għal dik li kienet tkun ippreżentata lill-awtorità kompetenti fi proċedura ordinarja għall-awtorizzazzjoni ta' proġett li l-għanijiet tad-Direttiva jistgħu jitqiesu li ntlaħqu permezz tal-proċess leġiżlattiv" [36].

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad temmet l-analiżi tagħha billi fakkret illi l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA jirrikjedi li l-att leġiżlattiv inkwistjoni jkun "att speċifiku li jadotta d-dettalji tal-proġett. Il-kliem tiegħu stess irid juri li l-għanijiet tad-Direttiva jkunu ntlaħqu fir-rigward tal-proġett inkwistjoni". Barra minn hekk, "id-dettalji ta' proġett ma jistgħux jiġu kkunsidrati li ġew adottati permezz ta' liġi, għall-iskopijiet tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva jekk il-liġi ma tkunx tinkludi l-elementi neċessarji sabiex jiġu stmati l-effetti ambjentali tal-proġett", u huwa kompitu tal-qorti nazzjonali li tistabbilixxi ċ-ċirkustanzi fil-każ partikolari [37].

70. Ser nieqaf ftit hawnhekk sabiex nagħmel evalwazzjoni preliminari.

71. F'WWF *et* u f'Linster, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet żewġ kundizzjonijiet, li t-tnejn li huma għandhom jiġu osservati qabel ma att leġiżlattiv ikun kopert bl-esklużjoni tal-Artikolu 1(5) u għalhekk jaqa' barra mill-iskop tad-Direttiva EEA. L-ewwel nett, id-dettalji tal-proġett iridu jkunu stipulati f'att leġiżlattiv partikolari li jistabbilixxi, b'mod preċiż u definit biżżejjed, l-elementi kollha tal-proġett li huma rilevanti għall-istima tal-effetti ambjentali. It-tieni nett, sabiex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-protezzjoni ambjentali tad-Direttiva EEA, il-leġiżlatura jrid ikollha għad-dispożizzjoni tagħha — u għandha tikkunsidra matul il-proċess leġiżlattiv — informazzjoni ekwivalenti għal dik li tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti fi proċedura ordinarja għall-awtorizzazzjoni ta' proġett, sabiex tkun tista' twettaq l-istima rikjesta tal-effetti ambjentali. Jien ser nagħmel riferiment għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet flimkien bħala "it-test doppju għall-effiċjenza leġiżlattiva".

72. Dan it-test doppju jidher b'mod manifest li jiffavorixxi l-interpretazzjoni li l-Artikolu 1(5) jinkludi kundizzjoni preliminari li l-għanijiet tad-Direttiva EEA jridu jintlaħqu minn qabel permezz tal-proċess leġiżlattiv, pjuttost milli jiġi preżunt li jintlaħqu b'dan il-mod. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat it-tħassib tagħha dwar jekk il-parteċipazzjoni pubblika li trid tintlaħaq mid-Direttiva EEA fil-fatt intlaħqitx permezz tal-proċess leġiżlattiv.

36 — Punt 52 sa 54.
37 — Punti 56 sa 58.

L-applikazzjoni tal-ġurisprudenza eżistenti għall-kawża preżenti

73. Is-sentenzi WWF *et* u Linster jipprovdu qafas għall-evalwazzjoni li trid titwettaq mill-qrati nazzjonali. Fil-prinċipju, barra minn hekk, dan il-qafas jista' jkun applikat b'analoġija għall-kawżi preżenti (adozzjoni *ex post* mil-leġiżlatura ta' proġetti amministrattivi, pjuttost milli awtorizzazzjoni *ex ante* ta' proġetti), minkejja t-tibdil li sar fid-Direttiva EEA bid-Direttiva 2003/35 (li saħħet id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku b'mod partikolari billi żiedet ir-rekwiżiti għal reviżjoni ġudizzjarja fl-Artikolu 10a, iżda li ma biddlitx l-għanijiet tad-Direttiva EEA).

74. Jekk wieħed jieħu d-*dicta* f'WWF *et* u f'Linster *prima facie*, huwa relattivament faċli li tingħata risposta għall-ewwel domanda rrinvjata mill-Conseil d'État. Id-digriet tas-17 ta' Lulju 2008 ma "jistabbilixxix il-proġett fid-dettal, jiġifieri b'mod preċiż u definittiv biżżejjed sabiex jinkludi, bħal fil-każ ta' permess tal-iżvilupp, wara li jkunu kkunsidrati mil-leġiżlatura, l-elementi kollha tal-proġett rilevanti għall-istima tal-effetti fuq l-ambjent" [38]. Dan ma "jinkludix l-elementi neċessarji sabiex jiġu stmati l-effetti ambjentali tal-proġett", u lanqas "il-kliem proprju tiegħu … ma juri li l-għanijiet tad-Direttiva ġew milħuqa fir-rigward tal-proġett inkwistjoni" [39]. Pjuttost, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 jindikaw sempliċement li dawn jirratifikaw il-permess amministrattiv li diġà kien mogħti għal serje ta' proġetti "li għalihom kienu stabbiliti raġunijiet superjuri fl-interess ġenerali".

75. Sa dan il-punt, ma hemmx diffikultajiet — iżda l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA, ma tistax, fil-fehma tiegħi, tkun ibbażata sempliċement fuq jekk min abbozza l-miżura leġiżlattiva inkwistjoni kienx kapaċi u avżat tajjeb biżżejjed sabiex jiżgura li l-kliem tal-miżura jikkonforma preċiżament ma' dawk id-*dicta*. Iżda jekk dan kien l-uniku fatt importanti, proġett li ma kienx diskuss b'mod xieraq mil-leġiżlatura seta' madankollu jkun ippreżentat f'formulazzjoni xierqa sabiex jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa. Mill-banda l-oħra, proġett li kien tabilħaqq diskuss b'mod sħiħ jista' jfalli mit-test għall-esklużjoni mid-Direttiva EEA skont l-Artikolu 1(5) sempliċement għax it-tradizzjoni dwar l-abbozzar leġiżlattiv f'dak l-Istat Membru ma kinitx favur li l-miżura leġiżlattiva li tirriżulta tkun "mgħobbija" b'dak l-ammont ta' dettall.

76. Barra minn hekk, kif nifhimha jien, id-diskussjoni ta' proġett fi proċess leġiżlattiv, ħafna drabi (jekk mhux invarjabbilment)

38 — Sentenza WWF *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59.

39 — Sentenza Linster, iċċitata iktar 'il fuq, punti 56 u 57.

tkun ippreċeduta b'xi livell ikbar jew inqas ta' attività amministrattiva sabiex tiġi ppreparata l-bażi għad-dibattitu li kellu jsegwi. Jekk jien korrett, jidher li hu probabbli li l-fajl li tqiegħed quddiem il-leġiżlatura sabiex din tieħu deċiżjoni jista' ma jinkludix neċessarjament l-istess informazzjoni, bl-istess dettall, li kien jiġi eżaminat matul proċess purament amministrattiv. Bl-istess mod dan jista' — jew ma jistax — jinkludi "informazzjoni ekwivalenti għal dik li tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti fi proċedura ordinarja [jiġifieri aminnistrattiva] għall-awtorizzazzjoni ta' proġett" (it-tieni parti tat-test doppju).

77. Ir-rinviji preżenti jagħtu l-opportunità lill-Awla Manja li teżamina mill-ġdid u li tikkjarifika id-*dicta* f'WWF *et* u f'Linster.

78. Jiena nieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħi l-osservazzjoni utli tal-Avukat Ġenerali Léger f'Linster: "Billi għamlet eċċezzjoni għall-każijiet fejn proġett ikun adottat b'att leġiżlattiv, il-leġiżlatura Komunitarja ma kellhiex il-ħsieb li tistabbilixxi kriterju formali li jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jeskludu tali proġetti minn stima tal-effetti fuq l-ambjent u mir-rekwiżit li jkun infurmat u kkonsultat il-pubbliku kkonċernat sempliċement abbażi tan-natura tal-att inkwistjoni u l-istatus tal-awtorità li tkun adottatu. Huma biss l-atti leġiżlattivi li jistipulaw l-istess garanziji li kienu jkunu meħtieġa skont id-Direttiva li jaqgħu barra mill-iskop tad-Direttiva" [40].

79. Jiena naqbel ma' dan. Id-Direttiva EEA ma hijiex dwar formaliżmu. Din għandha bħala għan li tiżgura li jiġu pprovduti EEA għall-proġetti kollha prinċipali; u, fil-verżjoni emendata tagħha, li tiġi żgurata parteċipazzjoni pubblika xierqa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fejn il-proċess leġiżlattiv jiffunzjona b'mod normali u b'mod korrett, dan jipprovdi — permezz tat-tħaddim tad-demokrazija rappreżentattiva — l-istess garanziji bħal dawk li kienu jkunu rikjesti taħt id-Direttiva EEA.

80. Huwa evidenti li l-proċess ta' skrutinju mil-leġiżlatura jista' tabilħaqq ikun differenti mill-proċess stabbilit fl-Artikoli 5 sa 10 tad-Direttiva EEA. Il-qrati nazzjonali ma humiex meħtieġa jiżguraw li l-leġiżlatura ssegwi eżattament l-istess proċess bħalma jkun meħtieġ minn korp amministrattiv li jevalwa

40 — Fil-punt 114 tal-konklużjonijiet tiegħu.

l-istess proġett. Dawn pjuttost għandhom jikkunsidraw jekk il-proċess leġiżlattiv ikunx ħadem b'mod korrett u xieraq.

81. Sabiex qorti nazzjonali tagħmel dan b'mod effettiv, din trid tħares lil hinn mill-kliem tad-digriet.

82. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat li, meta att leġiżlattiv xorta jħalli aspetti importanti tal-evalwazzjoni ta' proġett jitkomplew wara li tkun ingħatat approvazzjoni formali, fi proċess separat (WWF *et*) jew fejn tħalli miftuħ xi aspett prinċipali tal-proġett, bħal pereżempju l-għażla finali ta' rotta għal awtostrada (Linster), dak l-att leġiżlattiv ma huwiex kopert bl-esklużjoni tal-Artikolu 1(5). Jien nissuġġerixxi li r-raġunament sottostanti ż-żewġ deċiżjonijiet huwa li, f'ċirkustanzi bħal dawn, ma jistax jingħad b'mod raġonevoli li l-leġiżlatura kkunsidrat l-elementi kollha neċessarji sabiex jiġu evalwati l-effetti probabbli tal-proġett fuq l-ambjent. Minħabba li l-proċess leġiżlattiv ma ħadimx b'mod xieraq, il-miżura li rriżultat tonqos milli tissodisfa r-*ratio* wara l-esklużjoni. Mill-banda l-oħra, meta l-proċess leġiżlattiv jaħdem b'mod xieraq, l-esklużjoni leġiżlattiva trid titħalla tapplika sabiex jiġu rrispettati l-intenzjonijiet ta' dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni ta' Aarhus u li implementaw dik il-konvenzjoni taħt id-dritt tal-UE permezz tad-Direttiva EEA, kif emendata.

83. Jekk, kif issuġġerixxejt, huwa meħtieġ li nimxu lejn test ibbażat fuq il-funzjonalità sabiex jiġi evitat il-formaliżmu filwaqt li tingħata tifsira konsistenti u reali lill-klawżola ta' esklużjoni taħt l-Artikolu 1(5), id-domanda mbagħad tkun: kif ser jiġi deċiż jekk il-proċess leġiżlattiv ikunx ħadem b'mod xieraq?

84. Fil-fehma tiegħi, sabiex jiġi evalwat jekk dan seħħx f'xi każ partikolari, il-qorti nazzjonali jkollha bżonn teżamina l-aspetti li ġejjin:

(a) l-input: l-informazzjoni li tqiegħdet quddiem il-leġiżlatura kienet dettaljata u informattiva biżżejjed sabiex tagħmel possibbli għal-leġiżlatura li tevalwa l-effetti probabbli fuq l-ambjent tal-proġett propost?

(b) il-proċess: il-proċedura relattiva kienet osservata u l-ħin għad-diskussjoni kien biżżejjed sabiex ikun plawżibbli li wieħed jikkonkludi li r-rappreżentanti eletti

tal-poplu setgħu jevalwaw u jiddiskutu sew il-proġett propost?

87. Fil-qosor, sakemm il-leġiżlatura jkollha l-materjal neċessarju u twettaq il-funzjoni demokratika tagħha b'mod korrett u effettiv, il-proċess leġiżlattiv ser jilħaq l-għanijiet tad-Direttiva EEA, kif emendata. Għalhekk li l-proċess leġiżlattiv jitħalla jibbenefika mill-esklużjoni tal-Artikolu 1(5) u li jaqa' barra mill-iskop tad-Direttiva EEA, ma joħloq l-ebda lakuna fil-protezzjoni.

(c) ir-riżultat: il-miżura leġiżlattiva li tirriżulta (moqrija, jekk xieraq, flimkien mal-materjal supplimentari li tirreferi espressament għalih) tagħmilha ċara x'qiegħed ikun awtorizzat u liema limitazzjonijiet u restrizzjonijiet qegħdin jiġu imposti?

85. Dan il-proċess leġiżlattiv jista' (bħal fil-kawżi preżenti) ikun jinvolvi li l-leġiżlatura tibni fuq ix-xogħol li jkun sar qabel minn korp amministrattiv.

88. Mill-banda l-oħra, proċess leġiżlattiv li sempliċement jipprovdi t-timbru formali għal proċess amministrattiv preċedenti fejn effettivament ikunu diġà ttieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti mhux se jipprovdi l-istess garanziji bħal dawk meħtieġa mid-Direttiva EEA. Għalhekk dan ma għandux jibbenefika mill-esklużjoni taħt l-Artikolu 1(5).

86. F'dak il-każ, il-qorti nazzjonali mbagħad ikollha bżonn tistabbilixxi, jekk, essenzjalment, il-proġett ikunx diġà ġie approvat (matul il-proċess amministrattiv) qabel ma jasal quddiem il-leġiżlatura; jew jekk dan kienx tabilħaqq ikkunsidrat u approvat aktar tard, permezz tal-proċess leġiżlattiv innifsu. Jien nissuġġerixxi għal darba oħra li l-qorti nazzjonali għandha tħares lejn il-mertu, iktar milli lejn il-forma, ta' dak li jkun seħħ f'każ partikolari.

89. Fil-fehma tiegħi, approċċ bħal dan jikkombina r-rispett lejn it-teleoloġija tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tad-Direttiva EEA kif emendata mar-rispett għall-intenzjonijiet tal-abbozzatur li jinkludi, fiż-żewġ strumenti, klawżola ta' esklużjoni biex ikopri deċiżjonijiet ambjentali li jittieħdu mil-leġiżlatura pjuttost milli minn korp amministrattiv.

Id-domandi B.1, B.2 u B.3

90. Fid-domanda B.1, il-Conseil d'État jistaqsi jekk l-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8 u 10a tad-Direttiva EEA jeskludux sistema legali fejn id-dritt li jiġi implementat proġett suġġett għal EEA jingħata minn att leġiżlattiv li kontra tiegħu ma jkun hemm l-ebda proċedura ta' reviżjoni ġudizzjarja sabiex tiġi kkontestata l-legalità sostantiva u proċedurali tad-deċiżjoni rilevanti. Madankollu, fid-dawl tal-kliem u l-formulazzjoni tad-deċiżjonijiet iċċitati, fil-fehma tiegħi l-qorti ta' rinviju qiegħda fil-fatt tistaqsi jekk, meta jingħata qies tal-Artikolu 1 [b'mod partikolari tal-Artikolu 1(5)], l-Artikolu 10a tad-Direttiva EEA jirrikjedix li tkun disponibbli proċedura ta' reviżjoni ġudizzjarja sabiex tiġi vverifikata l-konformità sostantiva u proċedurali mal-Artikoli 5, 6, 7 u 8 ta' att leġiżlattiv li jikkonferixxi d-dritt li jiġi implementat proġett suġġett għal EEA.

91. Id-domandi B.2 u B.3 essenzjalment jistaqsu jekk l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u/jew l-Artikolu 10a tad-Direttiva EEA jirrikjedux li l-Istati Membri jipprovdu għall-possibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja tal-legalità ta' deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe regoli sostantivi jew proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjoni ta' proġetti suġġetti għal EEA.

92. Għalhekk, filwaqt li d-domanda A tikkonċerna l-verifika ta' jekk id-Direttiva EEA tapplikax għal proċedura bħal dik inkwistjoni, it-tliet domandi taħt B jikkonċernaw b'mod partikolari d-disponibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' tali proċedura u jirreferu, impliċitament, għad-diffikultajiet li jistgħu jqumu jekk qrati differenti jkollhom normalment ġurisdizzjoni biex jagħmlu reviżjoni tal-legalità ta' partijiet differenti ta' dik il-proċedura.

93. Jekk jittieħdu skont il-valur apparenti tagħhom, dawn id-domandi jistgħu jitwieġbu b'mod sempliċi ħafna.

94. L-ewwel, fir-rigward tad-domanda B.1, huwa ċar li d-Direttiva EEA ma tapplikax għal "proġetti li d-dettalji tagħhom kienu adottati b'att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali". Konsegwentement, l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet sostantivi tad-direttiva ma tirrikjedi xi tip ta' reviżjoni ġudizzjarja ta' permessi adottati b'atti li jaqgħu fi ħdan dik id-definizzjoni. Jekk att speċifiku jaqax fi ħdan dik id-definizzjoni hija s-suġġett tad-domanda A, u jien indirizzajtha f'dak il-kuntest. Jekk att ma jkunx jaqa' fi ħdan dik id-definizzjoni, ir-regoli dwar id-disponibbiltà

ta' reviżjoni ġudizzjarja huma stabbiliti fl-Artikolu 10a.

95. It-tweġiba għad-domandi B.2 u B.3, li ma jagħmlux referenza għal atti leġiżlattivi, hija iktar sempliċi. Din issegwi mill-kliem tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-Artikolu 10a tad-Direttiva EEA, u din hija li dawk id-dispożizzjonijiet ma jirrikjedux li l-Istati Membri jipprovdu għall-possibbiltà ta' reviżjoni ġudizzjarja tal-legalità tad-deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' dawk l-istrumenti, fir-rigward ta' kwalunkwe regoli sostantivi jew proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjonijiet ta' proġetti suġġetti għal EEA.

96. Madankollu għandu jiġi osservat li, il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni rrilevaw li, il-kliem ta' dawk id-dispożizzjonijiet jagħti lill-Istati Membri marġni kunsiderevoli sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti. Diversi materji jitħallew sabiex jiġu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, inkluż il-kontenut ta' ċerti kunċetti, l-istadju li fih ir-reviżjoni għandha tkun disponibbli u n-natura tal-korp kompetenti li jwettaq ir-reviżjoni.

97. Madankollu, anki jekk jinqraw flimkien mal-analiżi tiegħi tad-domanda A, dawk it-tweġibiet sempliċi ma jsolvux il-problema sottostanti li għandu l-Conseil d'État. Ir-regoli ddettaljati dwar il-kompetenzi rispettivi tal-Conseil d'État u tal-Cour constitutionnelle ma ġewx ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod sħiħ (għalkemm il-Gvern Belġjan ipprovda informazzjoni sinjifikanti). Madankollu, essenzjalment jidher li l-Conseil d'État ma għandux kompetenza li jagħmel ir-reviżjoni ta' atti leġiżlattivi bħad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008, mentri l-Cour constitutionnelle, filwaqt li għandha din il-ġurisdizzjoni, jista' neċessarjament ma jkollhiex kompetenza tagħmel ir-reviżjoni dwar il-konformità tal-miżura mal-Konvenzjoni Aarhus jew id-Direttiva EEA, kuntrarjament għall-konformità mannormi jew prinċipji kostituzzjonali. Jekk dan huwa l-każ, jew fejn teżisti sitwazzjoni paragunabbli, hemm lakuna fil-ġurisdizzjoni li tkun inkompatibbli ma strument wieħed jew ieħor?

98. B'mod partikolari, jekk qorti bħall-Conseil d'État ma għandhiex kompetenza teżamina miżura bħad-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 sabiex tistabbilixxi jekk il-miżura hijiex valida fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jew id-Direttiva EEA, din għandu jkollha ġurisdizzjoni sabiex tistabbilixxi jekk il-miżura taqax fi ħdan l-esklużjoni dwar atti leġiżlattivi, peress li essenzjalment

l-evalwazzjoni hija l-istess fiż-żewġ każijiet? U jekk le, għandha tkun xi qorti oħra, bħall-Cour constitutionnelle, li jkollha kompetenza teżamina l-kompatibbiltà tal-miżura mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva EEA?

99. Hawnhekk, wieħed għandu jżomm f'moħħu żewġ punti ta' prinċipju. L-ewwel, sakemm ir-regoli dwar ġurisdizzjoni ma jkunux imposti mid-dritt tal-UE — u dan ma huwiex il-każ hawnhekk — ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tindika liema regoli għandhom japplikaw fl-Istati Membri. It-tieni, sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tal-aċċess għall-ġustizzja, irid ikun possibbli, tal-inqas għal qorti waħda, li tittratta l-kontestazzjoni ta' att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali abbażi tal-fatt li dan ma jaqax taħt l-esklużjoni skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jew l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA.

100. Fid-dawl ta' dan, jidher ċar li, jekk il-Cour constitutionnelle hija kompetenti, skont ir-regoli Belġjani dwar il-ġurisdizzjoni, li tistabbilixxi jekk id-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 jikkonformax mad-definizzjoni ta' "att speċifiku ta' leġiżlazzjoni nazzjonali" skont it-tifsira tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u jekk din hi kompetenti waħedha li tagħmel dan, imbagħad ma jkun hemm l-ebda lakuna f'dik li hija ġurisdizzjoni, u l-għanijiet tal-Artikolu 10a ta' dik id-direttiva (u tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Aarhus) ikunu milħuqa b'mod xieraq — sakemm, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ preżenti, il-qorti li quddiemha jkunu kkontestati l-permessi amministrattivi sottostanti tkun tista' tikseb deċiżjoni dwar dak il-punt mill-Cour constitutionnelle. Huwa evidenti mill-ordni tar-rinviju li proċedura dwar deċiżjoni preliminari ta' dak it-tip hija disponibbli.

101. Madankollu, jekk il-ġurisdizzjoni tal-Cour constitutionnelle kellha tkun limitata, pereżempju, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-prinċipji kostituzzjonali, u din ma kinitx testendi sabiex ikun ikkunsidrat jekk att leġiżlattiv partikolari kienx jaqa' fi ħdan id-definizzjoni tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EEA, ikun meħtieġ li l-Conseil d'État ikun f'pożizzjoni li jeżamina dik id-domanda u, jekk xieraq, li jinjora d-Digriet tas-17 ta' Lulju 2008 sabiex jiddeċidi dwar il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-permessi amministrattivi nfushom [41].

41 — Għal sitwazzjoni proċedurali paragunabbli, għalkemm mhux identika, ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1977, Simmenthal (Kawża 106/77, Ġabra p. 629) jew tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (Kawża C-213/89, Ġabra p. I-2433).

Konklużjoni

102. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena tal-fehma li, bħala risposta għad-domandi mressqa mill-Conseil d'État, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej:

A. L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE, teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva atti leġiżlattivi li jissodisfaw sostanzjalment l-għanijiet tad-Direttiva.

Meta jiġi ppreżentat rikors quddiem qorti nazzjonali li intiż li jikkontesta permessi maħruġa għal proġetti suġġetti għad-Direttiva 85/337, u dawk il-permessi sussegwentement jiġu rratifikati b'att leġiżlattiv, huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tal-att ikkonċernat iżda wkoll il-mertu tal-proċedura leġiżlattiva — b'mod partikolari l-informazzjoni disponibbli għal-leġiżlatura u l-iskrutinju li tkun ġiet suġġetta għalih dik l-informazzjoni — sabiex jiġi stabbilit jekk dawn l-għanijiet kinux milħuqa. Jekk dawn ma jkunux milħuqa, l-att leġiżlattiv għandu jiġi injorat mill-qorti nazzjonali u l-legalità tal-permessi amministrattivi għandhom jiġu eżaminati bħala tali.

B. Fil-kuntest ta' proċeduri bħal dawn, l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 u tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirrikjedu li l-qorti kkonċernata tkun tista' tivverifika, *ex officio* jew permezz ta' rinviju lil xi qorti oħra li jkollha ġurisdizzjoni xierqa, jekk l-att leġiżlattiv huwiex eskluż mill-iskop ta' dawk l-istrumenti abbażi tal-fatt li l-proċedura leġiżlattiva tkun laħqet l-għanijiet inkwistjoni.